*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Ġunju 2022 fil-Każ R 752/2021-5

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda lil Prolactal;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;

— Ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, minħabba li d-deċiżjoni tal-EUIPO li t-talbiet għall-prova tal-użu mressqa minn Prolactal ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10(1) EUTMDR, u għalhekk uma inammissibbli, ma hijiex proporzjonali għall-konsegwenzi li jirriżultaw minnha;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

— Ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali peress li l-oneru tal-prova impost mill-EUIPO mar lil hinn min dak li l-applikant seta' jkun mistenni li jipprovdi bħala prova tal-koeżistenza;

— Ksur tal-ġurisprudenza rilevanti fir-rigward tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2022 – mataharispaclub vs EUIPO – Rouha (SpaClubMatahari)

**(Kawża T-552/22)**

(2022/C 408/55)

*Lingwa tar-rikors: iċ-Ċek*

## Partijiet

*Rikorrent:* mataharispaclub s. r. o. (Mníšek pod Brdy, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Diamant, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Alena Rouha (Praga, ir-Repubblika Ċeka)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "SpaClubMatahari" – Trade mark tal-Unjoni Nru 17642661

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Ġunju 2022 fil-Każ R 937/2021-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Ksur tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2022 – Franza vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-555/22)**

(2022/C 408/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: T. Stehelin, A. Daniel u E. Leclerc, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/400/22, intitolat "amministraturi (AD 7) u esperti (AD 9) fl-oqsma tal-industrija tad-difiża u l-ispazju", ippubblikat fis-16 ta' Ġunju 2022 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1];

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/400/22, intitolat "amministraturi (AD 7) u esperti (AD 9) fl-oqsma tal-industrija tad-difiża u l-ispazju" (iktar 'il quddiem l-"avviż ta' kompetizzjoni kkontestat") joħloq diskriminazzjoni mhux iġġustifikata bbażata fuq il-lingwa.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżit ta' reklutaġġ ta' uffiċjali li jkollhom l-ogħla standards ta' kompetenza, ta' effiċjenza u ta' integrità.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-avviż ta' kompetizzjoni kkontestat jevita l-proċeduri previsti mit-Trattati għad-determinazzjoni tas-sistema lingwistika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tagħha.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-Unjoni Ewropea li tirrispetta d-diversità kulturali u lingwistika rikka tagħha u li tiżgura s-salvagwardja u l-iżvilupp tal-wirt kulturali Ewropew.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

---

(1) ĠU 2022, C 233A, p. 1.